TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 12/06

* Il- laqgħa Nru 12/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2010 fis-6.00pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Dr. O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

**** Qabel ma bdiet il-laqgħa s-Sindku wassal il-kondoljanzi lill-Antonella, impjegata tal-Kunsill, għat-telfa ta' missierha. Il-Kunsill ingħaqad mas-sentimenti tas-Sindku.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 10/06 tas-27/01/2010 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

1.1.1 Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

**1.2** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 11/06 tat-8/02/2010 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur waqaf milli jkompli bix-xogħol ta' 'major patching' li kien diġa' beda. Madanakollu ltaqa' miegħu u wiegħdu li ser ikompli l-ġimgħa d-dieħla. Major patching

**2.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sistema PV fuq id-dressing rooms tal-ground issa ġiet installata u bdiet tiffunzjona. Photovoltaic

2.2.1 Kompla jgħid li qed naħdmu biex ninstallaw l-internet fis-sistema biex tkun tista' tinġabar informazzjoni tar-riżultati tagħha mill-pubbliku.

2.2.2 Ħallasna wkoll għall-applikazzjoni għall-meter tal-Enemalta kif ukoll applikajna għand il-MRA.

*(Is-Sur L. Bonavia attenda fis-5.45pm)*

**2.3** Dwar il-multa li tnaqqset mill-allokazzjoni għaliex il-Kunsill naqas li jiftaħ is-Sibt qabel ma' ġiet fis-seħħ il-liġi, is-Sindku qal li ressaq din il-materja fil-laqgħa tal-Assoċ. Kunsill Lokali. Ftuħ is-Sibt

2.3.1 Hu ġie nfurmat li l-każ ser jiġi diskuss bejn id-Dipt. Gvern Lokali u s-Segr. Parlamentari Dr Chris Said.

**2.4** Dwar il-ħlas dovut lis-Sindku għall-Onorarja minn Novembru 2009 meta ġiet fis-seħħ il-liġi u mhux skond Memo 3/2010 li din għandha tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2010, is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu hemm numru ta' Sindki li qed jeħduha. Onorarja tas-Sindku

2.4.1 Madanakollu meta s-Seg. Eżek. staqsa lid-Direttur meta għandha tingħata, tal-aħħar wieġeb biex jimxi skont Memo 3/2010.

2.4.2 Min-naħa l-oħra l-Assoċ. Kunsilli Lokali nfurmat lis-Seg. Eżek. li tkun qed tinkiser ebda liġi jekk l-onorarja tingħata minn Novembru.

2.4.3 B'risposta għal dan, wara li s-Seg. Eżek. irrefera għand is-Segr. Parl. Dr Chirs Said wieġeb li s-seg. Eżek. hu obligat skont il-liġi biex jimxi fuq id-direttivi tad-Dipt. Gvern Lokali.

**2.5** Is-Sindku qal li x-xogħol ta' modernizzar tal-latrina kważi tlesta. Jonqos issa li jsiru l-bibien u twieqi tal-aluminium. L-aċċessorji, id-dwal u l-l-ima kollox jiffunzjona. Latrina Pubblika

**2.6** Għas-sejħa ta' espressjoni ta' nteress għat-tisbiħ tal-Pjazzetta fi Triq Sta Tereża u l-Ġnien fi Triq Sta Marija, is-Sindku qal li applikaw 8 azjendi. Espressjoni ta' Nterss

2.6.1 Kompla jgħid li infurmajnihom, kull wieħed, x'qed jippjana li jagħmel il-Kunsill sabiex huma min-naħa tagħhom jissottomettu l-pjanti u proposti għal dawn iż-żewġ proġetti. L-għeluq tas-sottomissjonijeit hu sa nofsinhar 10 ta' Marzu 2010.

*(Is-Sur I. Dallia attenda fis-5.50pm)*

**2.7** Is-Seg. Eżek. iċċirkola minn qabel il-lista bid-dettalji tal-ħames kwotazzjonijeit sottomessi għall- "rubber speed moderators u roundabouts" (app. 1). Kwotazzjonijiet (Speed Moderators)

2.7.1 Il-Kunsill approva nem con li l-iżjed offerta vataġġjuża għal "roundabouts" hi dik sottomessa minn M-Quip Ltd.

2.7.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-kwotazzjoni għall-"speed moderators" u wasal f'konklużjoni li minħabba l-ADT mhix tapprova talbiet għalihom għalissa m'għandiex tittieħed deċiżjoni dwarhom.

**2.8** Is-Seg. Eżek. iċċirkola minn qabel il-lista bid-dettalji ta' tlett kwotazzjonijiet sottomessi għall-aperturi tal-aluminium. Kwotazzjonijiet (Aluminium)

2.8.1 Il-Kunsill approva nem-con li l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik sottomessa minn MC Aluminium. (App. 2)

**2.9** Dwar il-lista ta' azjendi kummerċjali, is-Sur L. Bonavia qal li wara diversi korrispondenza ma' Ministeri u Dipartimenti għandu nformazzjoni li din il-lista ma teżistix. Azjendi Kummerċjali

2.9.1 Is-Sindku wieġeb li skont l-Assoċ. Kunsilli Lokali ser ikun hemm tim ta' uffiċjali li ser iduru fl-irħula u jiġbru informazzjoni dwar dawn l-azjendi.

**2.10** B'riżultat tal-ftehim li sar fil-Kumitat Konġunt, biex jingħata servizz ta' Green Wardens fl-irħula, is-Sindku talab biex jiġu identifikati postijiet biex jitfassal programm ta' ħidma f'dan ir-rigward. Green Wardens

2.10.1 Qal ukoll li ser tibda skema ta' Green Wardens li ser iħarrku lil kull min jinqabad jikser il-liġi dwar l-iskart.

**2.11** Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma rappreżentant tal- *GreenPak,* li għaliha attenda wkoll is-Sur I. Dalli, fejn ġiet diskussa l-possibilta' ta' kampanja edukattiva għall-pubbliku dwar l-iskart. Green Pak

2.11.1 Qal ukoll li nsista li l-Kunsill jiġi fornut b'boroż biex jitqassmu lill-pubbliku.

2.11.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kontenituri tal-iskart wara t-tempji ġew irdupjati.

**2.12** Dwar it-talba tal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku, is-Sindku qal li ma nistgħux niċċaqilqu mis-sistwazzjoni preżenti. F'każ li l-allokazzjoni ma tkunx biżżejjed niġbdu l-attenzjoni tal-Assoċ. Kunsilli Lokali u d-Dipt. Gvern Lokali. Skart Domestiku

**2.13** Dwar il-Festival internazzjonali tal-Folk li sar fl-aħħar tas-sena 2009, is-Sindku qal li kemm il-Kunsill tal-Kalkara kif ukoll dak ta' Ħaż-Żebbuġ għad ma ġewx biex niffinalizzaw biex ningħataw il-fondi meħtieġa. Festival Internazzjonali tal-Folk

**2.14** Is-Sindku qal li għad m'hemm ebda indikazzjoni kif ser jibda jopera l-Kumitat Reġjonali. L-unika informazzjoni hi li dawn ser jibdew jiffunzjonaw mill-1 t'April. Kumitat Reġjonali

**2.15** Is-Sindku qara r-rapport ta' evalwazzjoni li bgħat il-Perit għall-aġġudikar tal-offerta ta' "Tisbiħ ta' Sqaqien u Spazji Miftuħa" li għaliha ġew sottomessi żewġ offerti mingħand :1) M-Quip Co. Ltd; 2) Attard Bros Co. Ltd. Tisbiħ ta' Sqaqien

2.15.1 Il-Kunsill approva unanimament skont ir-rakkomandazzjoni tal-Perit, li l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik sottomessa mingħand M-Quip Co Ltd.

**2.16** Is-Sindku qal li l-iffirmar tal-Patt tas-Sindki ser issir fi Brussel fl-4 ta' Mejju li ġej. Patt tas-Sindki

2.16.1 Is-Sindku ser jattendi u l-Kunsill iħallas għat-titjira tal-ajru u l-lukanda.

**2.17** Dwar il-mandat ta' sekwestru mill-Av. Ivan Sammut, is-Sindku qal li ser jattendi għal-laqgħa nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu. Mandat ta' Sekwestru

(Is-Sur F. Agius irtira mil-laqgħa fis-6.30pm)

**2.18** Minn informazzjoni li għandu s-Seg. Eżek. dwar il-laqgħa għall-iffirmar tal-kuntratt għall-fondi UIF minn-MEPA, iċ-Chairman ser jinfurmana meta din ser issir. UIF

**2.19** Is-Sindku informa lill-Kunsill, li, bħalma jistgħu jinnutaw is-sistema l-ġdida ta' CCTV saret u qed tiffunzjona. CCTV Diġitali

**2.20** Dwar l-ittra "ADT u Ħal Tarxien", is-Sindku qal li qed nifformulaw it-tweġiba tagħna. "ADT u Ħal Tarxien"

**2.21** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Istruttura tal-ħadid li sservi bħala Bus Shelter fi Triq Tarxien, kellha tiġi mneħħija fuq ordni tal-Malta Transport. Dan minħabba li din twaħħlet (mill-Kunsill fi żmien it-tieni amministrazzjoni) mingħajr il-permessi meħtieġa u qiegħda wkoll tagħmel ħsara strutturali lill-proprjeta' ta' terzi. Bus Shelter fi Triq Tarxien

2.21.1 Kompla jgħid li din l-ordni ser tiġi ppublikata fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett.

**2.22** Is-Sindku qal li bgħattna l-applikazzjoni dwar "Skema ta' finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar'. L-Applikazzjoni tagħna saret għall-restawr tal-emblema u l-faċċata tal-Iskola Primarja fi Triq l-Iskola. Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar

2.22.1 L-applikazzjoni ġiet ippreparata mill-Perit Hermann Bonnici bil-kollaborazzjoni tal-Viċi Sindku s-Sur F. Agius.

**2.23** Is-Sindku qara ittra li ntbgħatet lill-Kuntrattur tal-Manutenzjoni tal-Ġonna dwar nuqqasijiet fil-kuntratt u d-diżastru li qed iħalli minħabba li mhux qed isegwi l-kuntratt. Kuntratt tal-Ġonna

2.23.1 Is-Sinj. D. Vella qalet li m'għandniex inħallsuh għan-nuqqasijet tiegħu.

2.23.2 Is-Sindku wieġeb li mhux każ li ma nħallsuhx imma talbu biex qabel jieħu ħsieb jagħmel ix-xogħol li naqasli jagħmel.

2.23.3 Is-Sindku qal ukoll li kellna ordni mingħand il-Health Plant biex nikkuraw żewġ palmiet li jinsabu waħda fi Ġnien Penza u l-oħra f'Misraħ Buleben, li min-naħa tagħna għaddejna l-ordni lill-Kuntrattur.

**2.24** Is-Sindku qal li b'riżultat tan-nuqqasijeit kontinwi tal-kuntrattur ħriġna sejħa għall-offerti pubbliċi għaż-żamma u manutenzjoni tal-ġonna. Sejħa għall-offerti

2.24.1 Ħriġna wkoll seħja għall-offerti pubbliċi għall-"Polza ta' Assikurazzjoni" li minħabba li dik eżistenti ser tagħlaq fl-aħħar ta' Marzu.

2.24.2 L-Għeluq tas-sottomissjonjiet hu nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu 2010 f'nofsinhar.

**2.25** Is-Sindku qal li Polidano Group, li huma l-kuntratturi tar-"resurfacing" infurmawna li r-rati tat-tarmak żdiedu b'€6.59 kull metru kwadru għall 80mm ħxuna li jinkludi l-VAT u CM Fees. Rati tar-resurfacing

2.5.1 Il-Kunsill iddeċieda nem-con li jagħmel xogħol urġenti ta' "major patching" li kien diġa' ġie ordnat xhur ilu. Għar-resurfacing għalissa ma jsir xejn.

**2.26** Is-Sindku qara Memo 37/2010 "Konferenza Internazzjonali dwar il Ġemellaġġi". Kompla jgħid li m'hemm xejn definit u għandna nistennew xi risposta mid-Dipt. Gvern Lokali. Ġemellaġġ

**2.27** Is-Sindku qara stedina mingħand is-Sindku Dr Rashev ta' Veliko Turnovo sabiex il-Kunsill jibgħat delegazzjoni ta' 5 persuni għall-fiera li ser issir bejn l-14 u 17 t'April li ġej. Stedina simili kienet saret is-sena l-oħra u kien attenda s-Sindku. Fiera Turistika f'Veliko Turnovo

2.27.1 Għall-mistoqsija tas-Sinj. D. Vella, is-Sindku wieħeb li minħabba li din hi fiera li tippromwovi t-turiżmu fir-raħal, għandna ntellgħu żewġ rappreżentanti mill-folk grupp tal-Kunsill Lokali kif ukoll żewġ rappreżentanti tal-Kastell Wine Bar flimkien miegħu jew oħrajn interessati biex jippromwovu turiżmu. Il-Kunsill qabel nem con.

*(Is-Sur L. Bonavia rtira mil-laqgħa fis-7.00pm)*

**2.28** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa l-Kunsill qed jgħaddi minn perjodu xejn sabiħ. Dan minħabba li nqalgħu sitwazzjonijiet ta' diffikultajiet familjari taż-żewġ impjegati – Sinj Antonella Galea u s-Sinj. Josianne Grech. Problemi fl-Amministrazzjoni

2.28.1 Sadanittant s-Sinj. Antonella Galea talbet biex tibda taħdem 20 siegħa biss fil-ġimgħa minħabba li s-sitwazzjoni preżenti tagħha ma tippermettilhix tkompli taħdem il-ġurnata kollha, filwaqt li skużat ruħha għal kull-inkonvenjent li tista' toħloq.

2.28.2 Il-Kunsill fehem il-pożizzjoni tas-Sinj. Antonella Galea u jaċċetta li taħdem "reduced hours" filwaqt li għandna nibdew naħsbu biex nimpjegaw persuna oħra bħala "part-timer'.

**2.29** Is-Sindku fakkar meta l-Kunsill approva li jħallas għad-dvd edukattiv li ser jitqassam b'xejn mis-Subculture Animal Friends. Issa din id-dvd lesta u ser tkun ppreżentata lill-Kunsill fiż-żmien li ġej. Subculture Animal Friends

## 3.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€30,546.90 li ġiet iffirmata mis-Sindku.

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill lis-Segr. Eżek.l-ammont ta' € 43.20

## 4.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**4.1 Rapport mill-Kunsillier Dr. O. Caruana**

4.1.1 Qal li nhar il-Ġimgħa 26 tax-xahar ser issir laqgħa pubblika dwar vjolenza domestika.

**4.2 Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

4.2.1 Is-Sur K. Darmanin qal li l-Premju Żgħażugħ Tarxiniż intrebaħ minn Dillan Mercieca minn 3 nominazzjonijiet li ġew sottomessi qabel il-ħin tal-għeluq. Il-Premju ingħata nhar is-Sibt 13 ta' Frar.

4.2.2 Ser jagħmel laqgħa għaż-żgħażagħ fid-Dar tal-Kejka fil-11 ta' Marzu dwar "Gambling" u oħra fiċ-Ċentru Komunitarju fid-9 t'April dwar "l-Eżorċizmu".

**4.3 Rapport mill-Kunsillier I. Dalli**

4.3.1 Is-Sur I. Dalli qal li flimkien mas-Sindku kellu laqgħa mal-GREENPAK (ara item 2.13)

4.3.2 Ser jitkellem mas-Sindku dwar "Avviż Importanti" dwar tibdil fil-ġbir tal-iskart kif propost mill-GREENPAK.

**4.4 Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

4.4.1 Is-Sinj. D. Vella tat rendikont tal-coffee morning.

4.4.2 Ser tagħmel laqgħa tas-Sotto Kumitat fil-25 ta' Frar u Seminar fiċ-Ċentru Komunitarju nhar it-8 t'April dwar drittijiet tal-Konsumatur u dwar l-iskart.

4.4.3 Il-Kunsill approva nem con in-nominazzjonijiet ta' Charlie Vassallo bħala membru fis-Sotto Kumitat Ħidma Soċjali.

**4.5 Rapport mis-Sindku Kav. P. Farrugia**

4.5.1 Is-Sindku ta rendikont tal-attivita' tal-anzjani.

**4.6 Rapport mill-Viċi Sindku s-Sur Frans Agius**

4.6.1 Is-Sindku, f'isem il-Viċi Sindku, qal li bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill ser jorganizza kompetizzjoni tal-figolli għal-żmien il-Għid.

## 5.0 Ħwejjeġ Oħra

**5.1** Ma kienx hemm rapporti

## 6.0 Għeluq tal-Laqgħa

**6.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30pm

**6.2** Laqgħa oħra ser tkun fl-23/03/2010.

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
23/03/2010

**Kav. P. Farrugia**
**Sindku**